MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 425/2003

**Strand Electronics Limited**

**Vs**

**Thomson Commercial Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u zewg liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm102.81) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata u ta' servizzi rezi.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta gie debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Hubert Dalli in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mija u zewg liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm102.81), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kollha huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------